III

*(Atti preparatorji)*

# IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## IS-96 SESSJONI PLENARJA FIT-18 U D-19 TA’ LULJU 2012

## Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar “Strumenti finanzjarji tal-UE għall-affarijiet interni”

(2012/C 277/05)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jilqa’ l-inizjattiva li għandha l-għan li tikseb żona ġenwina ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja permezz ta’ proposti baġitarji li jirrikonoxxu l-importanza li l-baġit għall-immigrazzjoni, l-asil u s-sigurtà jingħata r-riżorsi neċessarji;

— jafferma l-importanz a tal-bidliet proposti għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, li għandhom impatt dirett fuq l-obbligi tagħhom u fuq il-ħajja ta’ kuljum tal-persuni li jgħixu fl-Unjoni Ewropea;

— jenfasizza l-importanza li tingħata risposta għat-tħassib dwar is-sigurtà, li ġej minn żieda fil-mobbiltà globali, fi ħdan il-kuntest tal-protezzjoni universali tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali;

— jilqa’ l-fatt li l-flessibbiltà u l-ksib tar-riżultati jingħataw attenzjoni speċjali, waqt li jenfasizza li dan jeħtieġ ippjanar tajjeb kif ukoll parteċipazzjoni u involviment mill-partijiet interessati kollha. Għalhekk jenfasizza l-bżonn li l-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll partijiet interessati oħra, bħall-organizzazzjonijiet internazzjonali speċjalizzati, is-soċjetà ċivili u l-benefiċjarji nfushom, jiġu involuti sa mill-fażi tal-ippjanar, peress li dawn ta’ spiss jimplimentaw il-programmi u l-proġetti;

— jemmen li l-aċċess għall-finanzjament ittejjeb ħafna permezz tar-riformi proposti. Madankollu, iħeġġeġ li jkomplu jiġu żviluppati l-mekkaniżmi sabiex tinxtered l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta’ finanzjament. F’pajjiżi ikbar, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jintużaw sabiex jiġu organizzati konsultazzjonijiet reġjonali u lokali li jippermettu l-parteċipazzjoni ta’ dawk l-organizzazzjonijiet u l-partijiet interessati li joperaw iktar ’il bogħod mill-bliet prinċipali.

| | |
|---|---|
| **Relatur** | is-Sur AZZOPARDI (MT/PPE), Sindku tar-Rabat, Għawdex |
| **Dokumenti ta' referenza** | Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-bini ta' Ewropa miftuħa u sigura: il-baġit tal-affarijiet interni għal bejn l-2014 u l-2020<br>COM(2011) 749 final<br>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża<br>COM (2011) 750 final<br>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil<br>COM (2011)751 final<br>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi<br>COM (2011) 752 final<br>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi<br>COM (2011) 753 final |

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

**Valutazzjoni ġenerali**

1. jilqa' l-inizjattiva li għandha l-għan li tikseb żona ġenwina ta' libertà, sigurtà u ġustizzja permezz ta' proposti baġitarji li jirrikonoxxu l-importanza li l-baġit għall-immigrazzjoni, l-asil u s-sigurtà jingħata r-riżorsi neċessarji ([1]);

2. jappoġġja s-semplifikazzjoni tal-istrumenti eżistenti, fejn ingħaqdu f'żewġ fondi;

3. jafferma l-importanza tal-bidliet proposti għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, li għandhom impatt dirett fuq l-obbligi tagħhom u fuq il-ħajja ta' kuljum tal-persuni li jgħixu fl-Unjoni Ewropea;

4. jenfasizza l-importanza li tingħata risposta għat-tħassib dwar is-sigurtà, li ġej minn żieda fil-mobblità globali, fi ħdan il-kuntest tal-protezzjoni universali tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali;

5. jissottolinja li dan jista' jinkiseb permezz tal-implimentazzjoni ta' strumenti koerenti fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja abbażi tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, is-solidarjetà u r-responsabbiltà, waqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni ([2]);

6. jemmen li hemm bżonn li jinħoloq bilanċ bejn il-partijiet tal-infiq relatati mas-sigurtà u l-fruntieri u l-infiq f'oqsma bħall-integrazzjoni tal-migranti u l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għal dawk li qegħdin ifittxu l-asil;

7. jappoġġja l-ħolqien ta' baġit ibbażat fuq il-ħtiġijiet li jgħinu jiġu żviluppati sinerġiji bejn l-istrumenti finanzjarji tal-UE, partikolarment bejn il-Fondi Strutturali u l-fondi fil-qasam tal-affarijiet interni. Il-baġit tal-Unjoni għandu jalloka biżżejjed riżorsi għall-qasam tal-affarijiet interni, kemm permezz tal-Fondi Strutturali kif ukoll permezz tal-istrumenti speċjalizzati fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja;

8. jindika li bir-revoka tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI tintilef il-possibbiltà li l-istrumenti l-oħra tal-Unjoni u tal-Komunità jintużaw b'mod komplementari, u dan jillimita b'mod konsiderevoli l-flessibbiltà mixtieqa fl-użu tal-istrumenti finanzjarji u jhedded il-kontinwazzjoni mingħajr diffikultà tal-proġetti reġjonali transkonfinali fil-qasam tas-sigurtà interna, li s'issa kienu jiġu ffinanzjati permezz tal-appoġġ tal-Objettiv 3 bbażat fuq il-FEŻR. Għalhekk huwa favur li tinżamm il-komplementarjetà bejn l-istrumenti Komunitarji;

([1]) CdR 201/2009, punt 1.

([2]) CdR 201/2009, punti 8 u 9.

9. jindika li hemm bżonn ċertu livell ta' flessibbiltà fil-funzjonament tal-baġit u tal-istrumenti finanzjarji, li jippermetti li jkun hemm reviżjoni ġenwina f'nofs it-term skont il-prijoritajiet politiċi identifikati, filwaqt li jenfasizza li din il-flessibbiltà għandha tiġi żviluppata b'tali mod li teżisti flimkien mal-allokazzjoni ġusta tar-riżorsi;

10. jilqa' politika dwar l-immigrazzjoni li tibda fil-pajjiżi tal-oriġini u li tqis l-eżiġenzi tas-suq tax-xogħol Ewropew kif ukoll il-bidla demografika, li twassal għal sistema li hija ta' benefiċċju għall-partijiet kollha, inklużi l-pajjiżi tal-oriġini li ta' spiss jibbenefikaw minn pagamenti mill-UE ([3]);

11. jenfasizza l-bżonn li jkun hemm kooperazzjoni b'saħħitha fil-livell tal-UE sabiex tinkiseb koordinazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri dwar il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni kif ukoll sabiex tinkiseb Sistema Ewropea Komuni tal-Asil;

12. jenfasizza l-bżonn li jkun hemm trasparenza fl-użu tal-baġit b'tali mod li l-proposti, il-proġetti u r-riżultati miksuba jkunu viżibbli, aċċessibbli faċilment u li jinftiehmu miċ-ċittadin ordinarju;

**Dwar l-ipprogrammar u l-ġestjoni tal-Fondi**

13. jilqa' l-fatt li l-flessibbiltà u l-ksib tar-riżultati jingħataw attenzjoni speċjali, waqt li jenfasizza li dan jeħtieġ ippjanar tajjeb kif ukoll parteċipazzjoni u involviment mill-partijiet interessati kollha. Għalhekk jenfasizza l-bżonn li l-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll partijiet interessati oħra, bħall-organizzazzjonijiet internazzjonali speċjalizzati, is-soċjetà ċivili u l-benefiċjarji nfushom, jiġu involuti sa mill-fażi tal-ippjanar, peress li dawn ta' spiss jimplimentaw il-programmi u l-proġetti;

14. jenfasizza l-bżonn li jkun hemm monitoraġġ u evalwazzjoni indipendenti sabiex jiġi assigurat użu effiċjenti tal-fondi u ġestjoni b'saħħitha mill-organizzazzjonijiet li jimplimentaw. Dan jista' jkun ta' inċentiv sabiex titjieb il-prestazzjoni istituzzjonali. Il-partijiet interessati kollha jridu jipparteċipaw fl-għażla tal-indikaturi kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi. Il-Kumitat jindika li ċerti indikaturi kwalitattivi jistgħu jkunu effiċjenti u effettivi mil-lat ta' spejjeż. Il-Kumitat jappella wkoll li l-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament isaħħu s-sorveljanza tal-Fondi sabiex joħroġ l-element indipendenti tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni;

**Aċċess għall-finanzjament**

15. jemmen li l-aċċess għall-finanzjament ittejjeb ħafna permezz tar-riformi proposti. Madankollu, iħeġġeġ li jkomplu jiġu żviluppati l-mekkaniżmi sabiex tinxtered l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament. F'pajjiżi ikbar, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jintużaw sabiex jiġu organizzati konsultazzjonijiet reġjonali u lokali li jippermettu l-parteċipazzjoni ta' dawk l-organizzazzjonijiet u l-partijiet interessati li joperaw 'il bogħod mill-bliet prinċipali;

**Allokazzjoni tar-riżorsi**

16. jindika li minkejja l-aspetti pożittivi tas-semplifikazzjoni u l-flessibbiltà, ir-riformi proposti jwasslu wkoll għal inċertezza dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn is-setturi differenti u bejn il-kwistjonijiet tematiċi. Għalhekk jenfasizza l-importanza li l-fondi għandhom jiġu allokati abbażi tal-bżonnijiet permezz ta' analiżi bir-reqqa tal-bżonnijiet fejn il-prijoritajiet jiġu allokati skont approċċ ibbażat fuq id-drittijiet. Dan jista' jinkiseb permezz ta' mekkaniżmi u salvagwardji eżistenti sabiex tiġi żgurata prijoritizzazzjoni effiċjenti, inkluża l-parteċipazzjoni mill-awtoritajiet lokali u reġjonali u partijiet interessati oħra fit-tfassil tal-istrateġiji nazzjonali;

17. jenfasizza l-bżonn li l-fondi jiġu distribwiti b'mod ugwali skont il-kapaċità istituzzjonali u l-proposti tal-proġetti u mhux jingħataw biss lil ftit benefiċjarji;

18. jemmen li, f'każ li ma jkunx hemm biżżejjed fondi għandha tingħata prijorità lill-fondi intiżi biex jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni, inklużi dawk li jindirizzaw l-istandards bażiċi ta' għajxien, il-kwistjonijiet relatati mal-ġeneru u d-dritt għall-asil, flimkien mar-riżorsi sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jiġġestixxu l-flussi migratorji;

**Parteċipazzjoni obbligatorja tal-partijiet interessati**

19. jenfasizza l-importanza ta' approċċ parteċipattiv sabiex jinkisbu riżultati effettivi, u jappoġġja l-proposta li tobbliga lill-Istati Membri jorganizzaw sħubijiet mal-awtoritajiet pubbliċi kollha kkonċernati u mal-partijiet interessati rilevanti, inklużi s-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-programmi nazzjonali;

20. iħeġġeġ għalhekk li l-isħubija tal-partijiet interessati tissaħħaħ u ssir obbligatorja. Jindika li attwalment, il-prinċipju fil-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali ([4]) jista' ma jwassalx għal parteċipazzjoni b'mod li jkun vinkolanti b'mod suffiċjenti. Filwaqt li l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni huma vinkolanti, f'oqsma oħra hemm ħafna diskrezzjoni dwar jekk sħubija sinifikanti hux ser tiġi implimentata jew le;

21. jissuġġerixxi li jista' ma jkunx adegwat li tinħatar awtorità responsabbli waħda għall-azzjonijiet kollha appoġġjati mill-fondi, minkejja li din tista' twassal għal semplifikazzjoni. Sabiex id-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod imparzjali għandu jkun hemm it-trasparenza, il-kontrolli u l-bilanċi. Huwa mħasseb li jista' jkun hemm kwistjonijiet legali li ma jippermettux lil awtorità delegata li taħdem taħt is-superviżjoni tal-awtorità responsabbli nazzjonali. Għalhekk jissuġġerixxi li r-regolamenti għandhom ikunu biżżejjed flessibbli sabiex jikkunsidraw ir-regoli nazzjonali kollha fl-UE u m'għandhomx jisfurzaw lill-Istati Membri jbiddlu l-istrutturi kostituzzjonali tagħhom jekk l-għan jista' jinkiseb ukoll b'approċċ ta' sħubija;

([3]) CdR 170/2010, punt 43.

([4]) COM(2011)752 final.

**Sistema Ewropea Komuni tal-Asil**

22. jilqa' l-progress li sar sabiex titwaqqaf "Sistema Ewropea Komuni tal-Asil" filwaqt li jenfasizza li l-għan tagħha għandu jkun li tikseb l-istandards tal-pajjiżi b'sistemi u strutturi aħjar u mhux twassal għal tnaqqis ġenerali fil-kwalità bħal dawk li għandhom sistemi inqas b'saħħithom;

23. jixtieq li jkun hemm aktar ċarezza dwar jekk l-Uffiċċju Ewropew għas-Sostenn tal-Asil hux ser juża biss fondi allokati direttament lilu jew ser ikun jista' jaċċessa l-Fondi tal-Affarijiet Interni;

**Akkoljenza u integrazzjoni tal-persuni bi protezzjoni internazzjonali u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi**

24. jinnota b'sodisfazzjon li ġiet rikonoxxuta l-importanza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-sistemi ta' akkoljenza u asil kif ukoll fl-integrazzjoni taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi u l-migranti legali;

25. ifaħħar l-idea li jkun hemm enfasi fuq l-aktar persuni vulnerabbli, inklużi l-vittmi tat-traffikar;

26. jenfasizza li l-integrazzjoni għandha tiffoka fuq azzjonijiet sostenibbli fit-tul, waqt li jiġi mfakkar li l-integrazzjoni hija proċess reċiproku fejn l-azzjonijiet jistgħu jiġu indirizzati lejn il-komunitajiet ospitanti u dawk tal-migranti;

27. jissuġġerixxi li l-Fondi għall-Affarijiet Interni għandhom jappoġġjaw ukoll l-azzjonijiet rakkomandati mill-Kummissjoni Ewropea, waqt li jirrikonoxxi l-approċċ ta' governanza f'diversi livelli fit-Tieni Aġenda Ewropea għall-Integrazzjoni ([5]);

28. jindika li l-prattiċi amministrattivi ta' detenzjoni fl-UE kollha ġew analizzati bir-reqqa mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u mill-awtoritajiet tad-drittijiet tal-bniedem u jenfasizza li l-finanzjament tal-proġetti marbuta mad-detenzjoni tal-persuni għandu jassigura li detenzjoni bħal din hija konformi mal-liġi tal-UE u mad-deċiżjonijiet tal-KEDB;

29. jenfasizza li l-membri tal-familja li jibbenefikaw mill-protezzjoni internazzjonali fi Stati Membri differenti għandhom jitħallew jgħixu flimkien u jgawdu minn protezzjoni fl-istess Stat Membru;

**Kondiviżjoni tar-responsabbiltà u rilokazzjoni fl-UE**

30. jenfasizza li r-reġjuni fil-fruntieri tal-Ewropa għandhom jirċievu aktar appoġġ adegwat fir-rigward tal-asil u l-migrazzjoni, speċjalment fi żminijiet ta' diffikultà partikolari; ([6])

31. jenfasizza li l-kriterji u l-mekkaniżmi għar-rilokazzjoni m'għandhomx ikunu ta' natura diskriminatorja u għandhom jiffukaw fuq l-aktar persuni vulnerabbli, filwaqt li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet tas-suq tax-xogħol tal-UE, partikolarment għall-persuni li attwalment jgħixu f'żoni fejn l-aċċess għas-suq tax-xogħol huwa limitat. M'għandhomx jiffukaw fuq li jagħtu prijorità lill-persuni li għandhom ħafna ħiliet u li diġà jinsabu integrati fis-soċjetà ospitanti;

32. jindika li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsabu f'pożizzjoni tajba sabiex jinvolvu ruħhom fit-twaqqif ta' mekkaniżmi bħal dawn ([7]);

33. huwa tal-fehma li s-solidarjetà sabiex jiġu appoġġjati l-pajjiżi li għandhom piżijiet għandha tkun kondizzjonali fuq is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u fuq ir-rispett għall-istandards ta' akkoljenza tal-UE, u dan għandu jipprovdi inċentivi għat-titjib tagħhom;

**Programm tal-UE għas-sistemazzjoni mill-ġdid**

34. jilqa' t-twaqqif ta' programm tal-UE dwar is-sistemazzjoni mill-ġdid u jheġġeġ il-ħolqien ta' qafas ċar żviluppat minn sħubija bejn il-KEDB, l-UNHCR u l-NGOs, waqt li jitqiesu l-aħjar prattiki f'partijiet oħra tad-dinja. L-UE għandha tkun ta' eżempju, billi tfittex li tidentifika u tipprovdi protezzjoni lil dawk li l-aktar li jintesew mill-komunità internazzjonali;

35. jenfasizza l-bżonn li jkun hemm inċentivi u informazzjoni dwar il-benefiċċji sabiex jiżdied in-numru ta' postijiet imwiegħda mill-Istati Membri għas-sistemazzjoni mill-ġdid;

36. jenfasizza l-bżonn li tinżamm distinzjoni ċara bejn sistemazzjoni mill-ġdid minn pajjiżi terzi u rilokazzjoni fi ħdan l-UE, kif ukoll in-numru ta' persuni allokati għal dawn iż-żewġ programmi;

**Ritorn volontarju assistit**

37. jerġa' jafferma li l-programmi għandhom, bħala prinċipju, jiġu operati fuq bażi purament volontarja u b'konformità mal-għanijiet tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, li twassal għall-integrazzjoni soċjali fit-tul tal-persuni kkonċernati ([8]). Ir-ritorn għandu jkun vijabbli u jassigura li ma jitnieda l-ebda proġett ġdid dwar il-migrazzjoni ([9]). Dan jista' jinkiseb permezz ta' sħubijiet ma' organizzazzjoni internazzjonali speċjalizzata bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni;

38. jindika li s-suċċess tal-istrateġiji għar-ritorn ma jistax jitkejjel sempliċiment abbażi tan-numru ta' persuni rritornati, peress li dan huwa indikatur purament kwantitattiv. L-indikatur jista' jintgħażel bħala n-numru ta' persuni rritornati f'rabta man-numru ta' każijiet, waqt li jitqiesu l-fatturi ta' kwalità fuq perjodu fit-tul;

**Strateġija tas-Sigurtà Interna**

39. jenfasizza l-involviment indispensabbli tiegħu fil-proċess għat-titjib tas-sigurtà interna tal-Ewropa flimkien mal-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

([5]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Aġenda Ewropea għall-Integrazzjoni ta' Persuni bin-Nazzjonalità ta' Pajjiżi Terzi – COM(2011) 455 final.
([6]) CdR 170/2010, punti 41 u 42.
([7]) CdR 201/2009, punt 92.
([8]) CdR 170/2010, punt 48.
([9]) CdR 201/2009, punt 87.

40. jenfasizza li l-finanzjament għall-Fond għas-Sigurtà Interna għandu jqis il-bżonn li jkun hemm investiment f'aktar riċerka, titwettaq l-innovazzjoni u jiġi skambjat l-għarfien fl-oqsma bħaċ-ċibersigurtà, il-forensika, il-protezzjoni tal-infrastruttura kruċjali u s-sigurtà urbana u li l-Kummissjoni Ewropea tippromovi dan b'konformità mal-bżonn dejjem jikber li jiġu indirizzati problemi dejjem aktar speċifiċi u kumplessi;

41. jerġa' jafferma l-importanza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti fil-kooperazzjoni tal-pulizija u tas-sigurtà, liema involviment jista' jitwettaq permezz ta' taħriġ, skambju tal-aħjar prattika u programmi ta' prevenzjoni kif ukoll permezz tal-iżvilupp ta' għodod u sistemi tal-IT komuni u komunikazzjoni aħjar;

**Il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata**

42. jirrakkomanda li jissaħħu n-netwerks attwali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u li dawn jintużaw f'kull Stat Membri, jew jekk ikun hemm bżonn jitwaqqfu oħrajn ġodda, sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-prattika t-tajba b'rabta mal-integrazzjoni soċjali, it-tagħlim professjonali u l-fehim tal-estremiżmu vjolenti li jinbet fid-distretti u nħawi lokali. Dan jista' jappoġġja l-ħidma li ssir permezz tan-netwerks Ewropej kontra r-radikalizzazzjoni li nħolqu reċentement;

43. jissuġġerixxi li l-finanzjament relatat mal-Fond għas-Sigurtà Interna jinkludi l-konsultazzjoni pubblika fil-livell lokali fl-Istati Membri u li jilħaq lil dawk li ma jħossuhomx parti mis-soċjetà. Dan jista' jgħin sabiex ikun hemm fehim tad-diversi aspetti tal-esperjenzi u l-kunċetti lokali dwar it-terroriżmu u l-motivazzjonijiet li jwasslu għall-estremiżmu;

44. jenfasizza l-bżonn li l-prattiki tal-banek u n-negozji jiġu analizzati b'aktar reqqa sabiex jiġu identifikati u indirizzati l-finanzi tat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata permezz tal-ħasil tal-flus u l-akkoppjar tal-attivitajiet kriminali man-negozji b'għan leġittimu;

45. ifakkar ukoll fl-importanza li jiġu kkonfiskati l-assi kriminali, li bla dubju huwa mezz importanti għall-ġlieda ta' kwalunkwe reat ta' natura trasversali u għalhekk jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea pproponiet leġislazzjoni sabiex jissaħħaħ il-qafas legali tal-UE dwar il-konfiska [10];

46. jindika li filwaqt li s-sħubijiet pubbliċi-privati jista' jkollhom impatti pożittivi, għandha tiġi evitata l-privatizzazzjoni tas-sigurtà;

**Kontroll tal-fruntieri u salvataġġ**

47. jenfasizza l-bżonn li l-kontroll tal-fruntieri jiġi ffinanzjat b'mod adegwat [11]. Fl-istess ħin jikkunsidra li, fid-dawl tal-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, hemm dubji dwar kemm l-investiment għoli fil-kontroll tal-fruntieri huwa l-aktar mod effettiv u effiċjenti li jwassal għal tibdil sinifikanti fit-tul;

48. jenfasizza l-bżonn għal monitoraġġ indipendenti tal-azzjonijiet fil-fruntieri minn organizzazzjoni bħall-UNHCR sabiex jiġi assigurat li d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, inkluża l-ugwaljanza bejn is-sessi, qegħdin jiġu rispettati;

49. jenfasizza li l-ħajja tal-bniedem għandha titqies qabel kull kwistjoni oħra u jappella għal aktar kooperazzjoni fost l-Istati Membri u kondiviżjoni tar-responsabbiltajiet fir-rigward tal-persuni salvati sabiex jiġu pprovduti inċentivi għas-salvataġġ. Iħoss li kondiviżjoni awtomatika tar-responsabbiltà tista' tgħin biex jiġu salvati aktar ħajjiet fuq il-baħar;

**Reazzjoni għall-emerġenzi**

50. jilqa' t-tibdil li għandu l-għan li jżid il-veloċità li biha jkun hemm reazzjoni għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza;

51. iħeġġeġ lill-Kummissjoni timpenja ruħha fl-ippjanar u l-iżvilupp ta' operazzjonijiet transkonfinali li jinvolvu l-parteċipazzjoni attiva tar-reġjuni fil-fruntieri. Dan għandu jippermetti li r-reġjuni jaqsmu l-esperjenzi tagħhom fil-protezzjoni ċivili u jipprovdu bażi operattiva soda li fuqha jistgħu jibnu forza Ewropea tar-reazzjoni għall-emerġenza;

52. jappella lill-Kummissjoni tieħu rwol ta' ġestjoni diretta aħjar fis-sitwazzjonijiet ta' emerġenza sabiex jinżamm livell ta' superviżjoni u tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni transkonfinali;

53. iħeġġeġ lill-Istati Membri jwaqqfu timijiet multidixxiplinari għar-reazzjoni rapida f'każijiet ta' emerġenza meta s-sitwazzjoni ta' emerġenza jkollha elementi bħal flussi mħallta ta' migrazzjoni fejn huwa essenzjali l-għarfien fil-liġi tal-asil u d-drittijiet tal-bniedem;

54. jindika li xi emerġenzi jistgħu jkunu sitwazzjonijiet fuq perjodu fit-tul u li l-fondi għall-emerġenzi jrid ikun disponibbli sakemm iddum l-emerġenza;

**Aspetti esterni tal-ġestjoni tal-migrazzjoni**

55. jilqa' approċċ aktar koerenti għall-aspetti interni u esterni tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u s-sigurtà interna, waqt li jindika li hemm bżonn tal-kooperazzjoni u d-djalogu mal-pajjiżi terzi sabiex tiġi indirizzata l-immigrazzjoni irregolari u tingħata attenzjoni speċjali lill-migrazzjoni legali;

56. jindika li l-awtoritajiet lokali u reġjonali li huma l-eqreb jew li għandhom l-iktar rabtiet b'saħħithom mal-pajjiżi terzi jistgħu jipprovdu r-rabtiet importanti għall-kooperazzjoni tal-UE ma' dawn il-pajjiżi, u b'hekk jagħtu kontribut sostanzjali

(10) COM (2012) 85.
(11) CdR 210/2008, punt 30.

għat-titjib tar-relazzjonijiet u l-kundizzjonijiet ta' għajxien fil-bliet u r-reġjuni tal-oriġini u tat-tranżitu [12]. Permezz tal-kooperazzjoni tiegħu mal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-pajjiżi wara t-tkabbir u dawk ġirien (pereżempju permezz tal-Gruppi ta' Ħidma u l-Kumitati Konsultattivi Konġunti, il-CORLEAP u l-ARLEM), il-KtR jinsab fl-aħjar post sabiex jippromovi l-objettivi tal-fondi lil hinn mill-fruntieri tal-UE;

57. ma jarax linja ċara bejn l-attivitajiet ta' żvilupp u dawk mhux relatati mal-iżvilupp fir-rigward tal-pajjiżi terzi u jappella għall-koerenza u l-koordinazzjoni bejn il-proġetti għall-għajnuna u l-iżvilupp li huma ffinanzjati u l-proġetti għall-affarijiet interni, immexxija permezz ta' spirtu ta' solidarjetà u kondiviżjoni tar-responsabbiltà mal-pajjiżi terzi;

58. jappella għal salvagwardji sabiex l-Istati Membri jiġu ostakolati milli jsegwu l-interessi nazzjonali proprji tagħhom permezz tal-aspett estern tal-Fondi tal-Affarijiet Interni kif ukoll mekkaniżmi li jassiguraw it-trasparenza fil-kooperazzjoni bilaterali bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi.

## II. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI

COM(2011)750 final

**Regolament li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża**

**Emenda 1**

Artikolu 3

Ibdel it-test tal-paragrafu 2(b) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (b) l-appoġġ ta' ġestjoni għall-fruntieri, biex jiġi żgurat, minn naħa waħda, livell għoli ta' protezzjoni tal-fruntieri esterni u, min-naħa l-oħra, il-qsim bla xkiel tal-fruntieri esterni skont l-acquis ta' Schengen | (b) l-appoġġ ta' ġestjoni għall-fruntieri, biex jiġi żgurat, minn naħa waħda, livell għoli ta' protezzjoni tal-fruntieri esterni u, min-naħa l-oħra, il-qsim bla xkiel tal-fruntieri esterni skont l-acquis ta' Schengen |
| Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, fost oħrajn, l-iżvilupp ta' tagħmir għall-kontrol tal-fruntieri u l-qbid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari fil-fruntieri esterni fil-korrispondenza mar-riskju tat-taqsima relevanti tal-fruntiera esterna. | Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel fuq indikaturi bħal, fost oħrajn, l-iżvilupp ta' tagħmir għall-kontrol tal-fruntieri, ~~u~~ il-qbid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari fil-fruntieri esterni fil-korrispondenza mar-riskju tat-taqsima relevanti tal-fruntiera esterna u t-taħriġ tal-awtoritajiet tal-kontroll tal-fruntieri fid-drittijiet tal-bniedem, b'enfasi partikolari fuq id-dritt għall-asil. |

**Raġuni**

Ara l-punt 5. Dawk li jittrattaw flussi mħallta tal-migrazzjoni jeħtieġu livell ta' għarfien tad-dritt għall-asil sabiex dan id-dritt jiġi sodisfatt.

**Emenda 2**

Artikolu 3

Żid paragrafu 2(c) ġdid kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | (c) l-assigurazzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-fruntieri esterni tal-UE. |

**Raġuni**

Ara l-punt 48.

[12] CdR 201/2009, punti 76 u 77.

**Emenda 3**

Artikolu 3

Ibdel it-test tal-paragrafu 3(f) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (f) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li joperaw f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-flussi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri, kif ukoll il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'dan ir-rigward. | (f) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom, li joperaw f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-flussi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri, kif ukoll il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'dan ir-rigward. |

**Raġuni**

Ara l-punt 55.

**Emenda 4**

Artikolu 3

Żid paragrafu 3(g) ġdid kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | (g) l-assigurazzjoni ta' monitoraġġ indipendenti tal-azzjonijiet tal-fruntieri esterni li jindirizzaw il-flussi mħallta tal-migrazzjoni sabiex jiġi assigurat ir-rispett tad-dritt għall-aċċess għall-asil. |

**Raġuni**

Ara l-punt 47.

**Emenda 5**

Artikolu 4

Żid paragrafu 1(f) ġdid kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | (f) l-inizjattivi għall-kondiviżjoni tar-responsabbiltà mill-Istati Membri tal-persuni li jeħtieġu li jiġu salvati fil-fruntieri esterni u madwarhom. |

**Raġuni**

Ara l-punt 48.

**Emenda 6**

Artikolu 4

Żid paragrafu 1(g) ġdid

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | (g) l-inizjattivi għall-monitoraġġ indipendenti tar-rispett tad-dritt għall-asil għal dawk li jixtiequ li japplikawh fil-fruntieri esterni. |

**Raġuni**

Ara l-punti 47 u 48.

**Emenda 7**

Artikolu 4

Żid paragrafu 1(h) ġdid kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | (h) it-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet fil-fruntieri esterni fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, l-identifikazzjoni tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-dritt għall-asil. |

**Raġuni**

Ara l-punt 5.

**Emenda 8**

Artikolu 9

Ibdel it-test tal-paragrafu 2(b) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (b) l-appoġġ u l-espansjoni tal-kapaċità eżistenti fil-livell nazzjonali fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni, filwaqt li jitqiesu inter alia teknoloġija ġdida, żviluppi u/jew standards fir-rigward tal-ġestjoni tal-flussi migratorji; | (b) l-appoġġ u l-espansjoni tal-kapaċità eżistenti fil-livell nazzjonali fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni, filwaqt li jitqiesu inter alia teknoloġija ġdida, żviluppi u/jew standards fir-rigward tal-ġestjoni tal-flussi migratorji, bl-attenzjoni partikolari tingħata lid-dritt għall-asil, li jinstabu l-vittmi tat-traffikar tal-bniedem u s-sensittività dwar is-sessi; |

**Raġuni**

Ara l-punt 5.

**Emenda 9**

Artikolu 13

Ibdel it-test tal-paragrafu 2(g) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (g) iqawwu l-kapaċità tan-netwerks Ewropej biex jippromwovu, jappoġġjaw u jiżviluppaw aktar il-politiki u l-objettivi tal-Unjoni; | (g) iqawwu l-kapaċità tan-netwerks Ewropej, inklużi dawk fil-livell lokali u reġjonali, biex jippromwovu, jappoġġjaw u jiżviluppaw aktar il-politiki u l-objettivi tal-Unjoni; |

**Raġuni**

Ara l-punti 3 u 55.

COM(2011) 751 final

**Regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil**

**Emenda 1**

Artikolu 3

Ibdel it-test tal-paragrafu 2(c) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (c) sabiex jissaħħu strateġiji ta' ritorn ġusti u effettivi l-kapaċitajiet tal-Istati Membri b'enfasi fuq is-sostenibbiltà ta' ritorn u riammissjoni effettiva fil-pajjiżi tal-oriġini; | (c) sabiex jissaħħu strateġiji ta' ritorn ġusti u effettivi l-kapaċitajiet tal-Istati Membri b'enfasi fuq is-sostenibbiltà ta' ritorn u riammissjoni effettiva fil-pajjiżi tal-oriġini; |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha tiġi mkejjla permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, in-numru ta' persuni rritornati. | Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha tiġi mkejjla permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, in-numru ta' persuni rritornati meta mqabbla man-numru ta' każijiet u waqt li jitqiesu l-fatturi ta' kwalità fuq perjodu twil. |

**Raġuni**

Ara l-punt 37.

**Emenda 2**

Artikolu 5

Ibdel it-test tal-paragrafu 1(e) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (e) informazzjoni għall-komunitajiet lokali kif ukoll taħriġ għall-persunal ta' awtoritajiet lokali, li jkunu qed jitħalltu ma' dawk li jintlaqgħu; | (e) informazzjoni għall-komunitajiet lokali u l-awtoritajiet reġjonali kif ukoll taħriġ għall-persunal ta' awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili, li jkunu qed jitħalltu ma' dawk li jintlaqgħu; |

**Raġuni**

Il-persunal tas-soċjetà ċivili ta' spiss jimplimenta l-proġetti ta' integrazzjoni.

**Emenda 3**

Artikolu 5

Żid paragrafu 1(g) ġdid kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | (g) Għajnuna fid-dawl tar-riunifikazzjoni tal-familji fl-UE għall-persuni bi protezzjoni internazzjonali. |

**Raġuni**

Ara l-punt 28.

**Emenda 4**

Artikolu 6

Ibdel it-test tal-paragrafu (b) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (b) azzjonijiet li jikkontribwixxi direttament għall-evalwazzjoni tal-politiki dwar l-ażil, bħall-valutazzjonijiet nazzjonali tal-impatt, stħarriġ fost il-gruppi fil-mira, l-iżvilupp ta' indikaturi u benchmarking. | (b) azzjonijiet li jikkontribwixxi direttament għall-evalwazzjoni tal-politiki dwar l-ażil, bħall-valutazzjonijiet nazzjonali tal-impatt, stħarriġ fost il-gruppi fil-mira u l-partijiet interessati l-oħra rilevanti, l-iżvilupp ta' indikaturi u benchmarking. |

**Raġuni**

Ara l-punt 13.

**Emenda 5**

Artikolu 7

Żid paragrafu (h) ġdid kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | (h) it-twaqqif ta' kriterji għar-rilokazzjoni li jiffokaw fuq l-aktar persuni vulnerabbli u li għandhom bżonn l-appoġġ u b'konformità mal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni. |

**Raġuni**

Ara l-punt 30.

**Emenda 6**

Artikolu 8

Ibdel it-test tal-paragrafu (a) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (a) kampanji b'pakketti ta' informazzjoni u ta' żieda fl-għarfien, inkluż permezz ta' komunikazzjoni faċli għall-utent u t-teknoloġija tal-informatika u websajts; | (a) kampanji b'pakketti ta' informazzjoni, ~~u~~ ta' żieda fl-għarfien u ta' sensibilizzazzjoni tal-popolazzjoni ospitanti, inkluż permezz ta' komunikazzjoni faċli għall-utent u t-teknoloġija tal-informatika u websajts; |

**Raġuni**

Ara l-punt 25.

**Emenda 7**

Artikolu 9

Ibdel it-test tal-paragrafu 1 kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| 1. Fi ħdan l-objettiv speċifiku definit fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2), l-azzjonijiet eliġibbli għandhom isiru fil-qafas ta' strateġiji konsistenti, implimentati minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, awtoritajiet lokali u/jew reġjonali u ddisinjati speċifikament għall-integrazzjoni, fil-livell lokali u/jew reġjonali, kif xieraq, tal-persuni msemmija fil-punti (a) sa (g) tal-Artikolu 4(1). F'dan il-kuntest, l-azzjonijiet eliġibbli għandhom partikolarment jinkludu dan li ġej: | 1. Fi ħdan l-objettiv speċifiku definit fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2), l-azzjonijiet eliġibbli għandhom isiru fil-qafas ta' strateġiji sostenibbli u konsistenti, b'enfasi fuq il-benefiċċji fit-tul, implimentati minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, awtoritajiet lokali u/jew reġjonali u ddisinjati speċifikament għall-integrazzjoni, fil-livell lokali u/jew reġjonali, kif xieraq, tal-persuni msemmija fil-punti (a) sa (g) tal-Artikolu 4(1). F'dan il-kuntest, l-azzjonijiet eliġibbli għandhom partikolarment jinkludu dan li ġej: |

**Raġuni**

Ara l-punt 25.

**Emenda 8**

Artikolu 9

Ibdel it-test tal-paragrafu 1(a) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (a) it-twaqqif u l-iżvilupp tat-tali strateġiji ta' integrazzjoni, inkluż l-analiżi tal-bżonnijiet, it-titjib tal-indikaturi u l-evalwazzjoni; | (a) it-twaqqif u l-iżvilupp tat-tali strateġiji ta' integrazzjoni, bl-involviment tal-atturi lokali u reġjonali, inkluż l-analiżi tal-bżonnijiet, it-titjib tal-indikaturi u l-evalwazzjoni kif ukoll it-tisħiħ tal-proċessi konsultattivi b'laqgħat strateġiċi mal-Kumitat tar-Reġjuni; |

**Raġuni**

Ara l-punti 18 u 23.

**Emenda 9**

Artikolu 9

Żid paragrafu 1(i) ġdid kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | (i) "patti territorjali" bejn il-partijiet interessati rilevanti f'livelli differenti; |

**Raġuni**

Ara l-punt 26.

**Emenda 10**

Artikolu 9

Żid paragrafu 1(j) ġdid kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | (j) l-iżvilupp ta' sett ta' għodod Ewropej flessibbli, b'"moduli Ewropej", biex jiġu appoġġjati l-politiki u l-prattiki nazzjonali u lokali; |

**Raġuni**

Ara l-punt 26.

**Emenda 11**

Artikolu 10

Żid paragrafu (f) ġdid kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | (f) l-iżvilupp ta' strateġiji u kapaċità sabiex jiżdied l-għarfien fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu dwar il-perikli tal-modi tal-migrazzjoni irregolari u d-diffikultajiet li jiffaċċjaw il-migranti irregolari fl-Ewropa. |

**Raġuni**

Ara l-punti 46 u 54.

**Emenda 12**

Artikolu 11

Ibdel it-test tal-paragrafu (a) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (a) l-istabbiliment u t-titjib ta' infrastruttura ta' akkomodazzjoni jew servizzi u kundizzjonijiet ta' akkoljenza jew detenzjoni; | (a) l-istabbiliment u t-titjib ta' infrastruttura ta' akkomodazzjoni jew servizzi u kundizzjonijiet ta' akkoljenza jew detenzjoni waqt li jiġi assigurat li dawn il-prattiċi ta' detenzjoni huma konformi mal-liġi tal-UE u mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; |

**Raġuni**

Ara l-punt 27.

**Emenda 13**

Artikolu 12

Ibdel it-test tal-paragrafu (b) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (b) miżuri ta' ritorn volontarji u assistiti, inklużi eżamijiet mediċi u assistenza, arranġamenti għall-ivvjaġġar, kontribuzzjonijiet finanzjarji, konsulenza u assistenza ta' qabel u wara r-ritorn; | (b) miżuri ta' ritorn volontarji u assistiti, inklużi eżamijiet mediċi u assistenza, arranġamenti għall-ivvjaġġar, kontribuzzjonijiet finanzjarji, konsulenza u assistenza ta' qabel u wara r-ritorn<u> kif ukoll sorveljanza fuq perjodu twil</u>; |

**Raġuni**

Ara l-punti 36 u 37.

**Emenda 14**

Artikolu 13

Ibdel it-test tal-paragrafu (a) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (a) azzjonijiet li jippromwovu u jsaħħu l-kooperazzjoni operattiva bejn is-servizzi ta' ritorn tal-Istati Membri, inkluż fir-rigward ta' kooperazzjoni ma' awtoritajiet konsulari u servizzi ta' immigrazzjoni ta' pajjiżi terzi; | (a) azzjonijiet li jippromwovu u jsaħħu l-kooperazzjoni operattiva bejn is-servizzi ta' ritorn tal-Istati Membri, inkluż fir-rigward ta' kooperazzjoni ma' awtoritajiet konsulari u servizzi ta' immigrazzjoni ta' pajjiżi terzi <u>kif ukoll mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti</u>; |

**Raġuni**

Ara l-punt 36.

**Emenda 15**

Artikolu 17

Ibdel it-test tal-paragrafu 4 kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| 4. Il-gruppi vulnerabbli ta' refuġjati li ġejjin għandhom f'kwalunkwe każ ikunu inklużi fil-prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni u jikkwalifikaw għas-somma sħiħa provduta skont il-paragrafu 2: | 4. Il-gruppi vulnerabbli ta' refuġjati li ġejjin għandhom f'kwalunkwe każ ikunu inklużi fil-prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni u jikkwalifikaw għas-somma sħiħa provduta skont il-paragrafu 2: |
| — in-nisa u t-tfal f'riskju, | — in-nisa u t-tfal f'riskju, |
| — minorenni mhux akkumpanjati, | — minorenni mhux akkumpanjati, |
| — persuni bi ħtiġijiet mediċi li jistgħu jiġu indirizzati biss permezz ta' risistemazzjoni, | — persuni bi ħtiġijiet mediċi <u>u psikoloġiċi</u> li jistgħu jiġu indirizzati biss permezz ta' risistemazzjoni, |
| — persuni li għandhom bżonn ta' risistemazzjoni ta' emerġenza jew risistemazzjoni ta' urġenti għal ħtiġijiet ta' protezzjoni legali jew fiżika. | — persuni li għandhom bżonn ta' risistemazzjoni ta' emerġenza jew risistemazzjoni ta' urġenti għal ħtiġijiet ta' protezzjoni legali jew fiżika. |

**Raġuni**

Ara l-punt 33. Li l-persuni bi bżonnijiet psikoloġiċi jingħataw prijorità hija prattika tajba użata mill-UNHCR u oħrajn.

**Emenda 16**

Artikolu 18

Żid paragrafu 5 ġdid kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | 5. Ir-rilokazzjoni għandha sseħħ minn Stati Membri abbażi tar-reġistrazzjonijiet tagħhom tad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-istandards ta' akkoljanza tal-UE. |

**Raġuni**

Ara l-punt 32.

**Emenda 17**

Artikolu 18

Żid paragrafu 6 ġdid kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | 6. Għandhom jiġu allokati riżorsi lill-Istati Membri li jadottaw kriterji ta' għażla tar-rilokazzjoni li jirrispettaw il-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u bbażati fuq il-bżonnijiet tal-pajjiż ospitanti mgħobbi żżejjed kif ukoll il-bżonnijiet tal-persuni eliġibbli għar-rilokazzjoni. |

**Raġuni**

Ara l-punt 30.

**Emenda 18**

Artikolu 19

Ibdel it-test tal-paragrafu 1 kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| 1. Sabiex talloka l-ammont indikat fil-punt (c) tal-Artikolu 15(1), sal-31 ta' Mejju 2017 il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtiġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tas-sistemi tal-ażil u l-akkoljenza tagħhom, is-sitwazzjoni tagħhom rigward il-flussi migratorji fil-perjodu 2014 sa 2016 u l-iżviluppi mistennija. | 1. Sabiex talloka l-ammont indikat fil-punt (c) tal-Artikolu 15(1), sal-31 ta' Mejju 2017 il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtiġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tas-sistemi tal-ażil u l-akkoljenza tagħhom, is-sitwazzjoni tagħhom rigward il-flussi migratorji fil-perjodu 2014 sa 2016 u l-iżviluppi mistennija, filwaqt li jkun hemm grad ta' flessibbiltà fil-każ ta' bidliet mhux mistennija. |

**Raġuni**

Is-sitwazzjonijiet fil-qasam tal-migrazzjoni jistgħu jinbidlu mil-lejl għan-nhar u s-sistema għandha tkun flessibbli biżżejjed biex tlaħħaq ma' dawn il-bidliet.

**Emenda 19**

Artikolu 22

Ibdel it-test tal-paragrafu 1 kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| 1. Il-Fond għandu jipprovdi assistenza finanzjarja biex jindirizza ħtiġijiet urġenti u speċifiċi fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza. | 1. Il-Fond għandu jipprovdi assistenza finanzjarja biex jindirizza ħtiġijiet urġenti u speċifiċi fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza sakemm iddum l-emerġenza. |

**Raġuni**

Ara l-punt 53.

**Emenda 20**

Artikolu 23

Ibdel it-test tal-paragrafu 2(a) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (a) li jservi bħala kunsill konsultattiv tal-Unjoni għall-migrazzjoni u l-ażil permezz ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni f'livell kemm nazzjonali u tal-Unjoni mar-rappreżentanti tal-Istati Membri, id-dinja akkademika, is-soċjetà ċivili, gruppi ta' riflessjoni u entitajiet tal-Unjoni/internazzjonali oħra; | (a) li jservi bħala kunsill konsultattiv tal-Unjoni għall-migrazzjoni u l-ażil permezz ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni f'livell kemm nazzjonali u tal-Unjoni mar-rappreżentanti tal-Istati Membri, id-dinja akkademika, is-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-migranti u tar-refuġjati, gruppi ta' riflessjoni u entitajiet tal-Unjoni/internazzjonali oħra; |

**Raġuni**

Ara l-punt 15.

**Emenda 21**

Artikolu 23

Ibdel it-test tal-paragrafu 5(c) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (c) Punti ta' Kuntatt Nazzjonali deżinjati mill-Istati Membri, kull wieħed jikkonsisti minn tal-inqas tliet esperti li kollettivament ikollhom kompetenza fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni, li jkopru l-aspetti ta' tfassil tal-politika liġi, riċerka u statistika, u li għandhom jikkoordinaw u jipprovdu l-kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 19(1) sabiex ikollhom kontributi mill-partijiet interessati kollha rilevanti; | (c) Punti ta' Kuntatt Nazzjonali deżinjati mill-Istati Membri, kull wieħed jikkonsisti minn tal-inqas tliet esperti indipendenti li kollettivament ikollhom kompetenza fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni, li jkopru l-aspetti ta' tfassil tal-politika liġi, riċerka u statistika, u li għandhom jikkoordinaw u jipprovdu l-kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 19(1) sabiex ikollhom kontributi mill-partijiet interessati kollha rilevanti; |

**Raġuni**

Ara l-punt 13. Dan għandu jgħin iżid it-trasparenza tal-mekkaniżmi.

COM(2011)752 final

**Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi**

**Emenda 1**

Artikolu 4

Ibdel it-test kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| L-azzjonijiet iffinanzjati mir-Regolamenti Speċifiċi għandhom jikkonformaw mal-liġi applikabbli tal-Unjoni u dik nazzjonali. | L-azzjonijiet iffinanzjati mir-Regolamenti Speċifiċi għandhom jikkonformaw mal-liġi applikabbli tal-Unjoni u dik nazzjonali, inklużi d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. |

**Raġuni**

Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem hija parti mill-UE iżda xi kultant ir-riżultati ta' dawn id-deċiżjonijiet ma jitqiegħdux fil-prattika mill-Istati Membri. Ikun ta' għajnuna li tiġi enfasizzata l-importanza tagħhom.

**Emenda 2**

Artikolu 8

Żid paragrafu 5 ġdid kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | 5. L-għajnuna ta' emerġenza ser tappoġġja l-azzjonijiet eliġibbli sakemm iddum is-sitwazzjoni ta' emerġenza. |

**Raġuni**

Ara l-punt 53.

**Emenda 3**

Artikolu 12

Ibdel it-test tal-paragrafu 1 kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jorganizza, skont ir-regoli u prattiċi nazzjonali attwali, sħubija mal-awtoritajiet u l-korpi kkonċernati għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali. | 1. Kull Stat Membru għandu jorganizza, skont ir-regoli u prattiċi nazzjonali attwali, sħubija mal-awtoritajiet u l-korpi kkonċernati għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali. |
| Dawn l-awtoritajiet u l-korpi għandhom jinkludu l-awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra, u, fejn xieraq, organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili, bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi jew imsieħba soċjali. | Dawn l-awtoritajiet u l-korpi għandhom jinkludu l-awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra, u, ~~fejn xieraq,~~ organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali rilevanti li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili u l-gruppi mmirati, bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi jew imsieħba soċjali. |

**Raġuni**

Il-kelma "rilevanti" flok "fejn xieraq" tneħħi l-element ta' diskrezzjoni li jista' jwassal għal nuqqas ta' ċarezza. Il-kontribut mill-gruppi mmirati huwa l-bażi tal-ipprogrammar tal-UE.

**Emenda 4**

Artikolu 12

Żid it-test tal-paragrafu 4 kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| 4. Kull Stat Membru għandu jwaqqaf kumitat ta' monitoraġġ li jappoġġja l-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali. | 4. Kull Stat Membru għandu jwaqqaf kumitat ta' monitoraġġ indipendenti li jappoġġja l-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali. |

**Raġuni**

Ara l-punt 13. Dan jista' jwassal għal aktar trasparenza u jiġu evitati kunflitti possibbli ta' interess.

**Emenda 5**

Artikolu 12

Ibdel it-test tal-paragrafu 5 kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni tista' tipparteċipa fil-ħidma tal-kumitat ta' monitoraġġ f'kapaċità ta' pariri. | 5. Il-Kummissjoni għandha~~tista'~~ tipparteċipa fil-ħidma tal-kumitat ta' monitoraġġ f'kapaċità ta' pariri. |

**Raġuni**

Il-parteċipazzjoni mill-Kummissjoni hija importanti ħafna u m'għandhiex tkun fakultattiva.

**Emenda 6**

Artikolu 14

Żid paragrafu 5(g) ġdid kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | (g) li l-programmi nazzjonali tfasslu bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati rilevanti. |

**Raġuni**

Ara l-punti 18 u 19.

**Emenda 7**

Artikolu 20

Żid it-test tal-paragrafu 2(c) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (c) nefqa marbuta ma' evalwazzjonijiet ta' azzjonijiet jew proġetti; | (c) nefqa marbuta ma' evalwazzjonijiet ta' azzjonijiet jew proġetti, inkluż il-kontribut mill-partijiet interessati; |

**Raġuni**

Ara l-punti 18 u 19. Il-partijiet interessati rilevanti jinsabu f'pożizzjoni tajba sabiex jiġġudikaw il-prestazzjoni ta' proġett.

**Emenda 8**

Artikolu 23

Ibdel it-test tal-paragrafu 1(b) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (b) Awtorità Responsabbli akkreditata: korp fis-settur pubbliku tal-Istat Membru, li għandu jkun waħdu responsabbli għall-ġestjoni xierqa u l-kontroll tal-programm nazzjonali u li għandu jiġġestixxi l-komunikazzjoni kollha mal-Kummissjoni; | (b) Awtorità Responsabbli akkreditata: korp fis-settur pubbliku tal-Istat Membru, li għandu jinkludi rappreżentanza mill-awtoritajiet lokali u reġjonali u mis-soċjetà ċivili, li għandu jkun waħdu responsabbli għall-ġestjoni xierqa u l-kontroll tal-programm nazzjonali u li għandu jiġġestixxi l-komunikazzjoni kollha mal-Kummissjoni; |

**Raġuni**

Ara l-punti 18 u 19.

**Emenda 9**

Artikolu 25

Żid paragrafu 5(d) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | (d) ir-regoli u l-metodi għall-ġbir tal-informazzjoni mill-partijiet interessati u l-gruppi mmirati rilevanti permezz ta' kwestjonarji u metodi oħra għall-ġbir tal-informazzjoni. |

**Raġuni**

Ara l-punti 18 u 19. Il-partijiet interessati rilevanti jinsabu f'pożizzjoni tajba sabiex jiġġudikaw il-prestazzjoni ta' proġett.

**Emenda 10**

Artikolu 48

Ibdel it-test tal-paragrafu 1(b) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (b) jinfurmaw lill-benefiċjarji potenzjali dwar opportunitajiet ta' finanzjament taħt il-programmi nazzjonali; | (b) jinfurmaw lill-benefiċjarji potenzjali dwar opportunitajiet ta' finanzjament taħt il-programmi nazzjonali, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet reġjonali u lokali; |

**Raġuni**

Ara l-punt 14.

**Emenda 11**

Artikolu 50

Żid paragrafu 7 kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | 7. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u partijiet interessati oħra rilevanti, inklużi l-organizzazzjonijiet internazzjonali, is-soċjetà ċivili u l-gruppi mmirati għall-kummenti. |

**Raġuni**

Ara l-punti 18 u 19.

**Emenda 12**

Artikolu 51

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fisseħħ proċeduri li jipproduċu u jiġbru d-dejta meħtieġa għal evalwazzjonijiet, inkluża dejta marbuta ma' indikaturi komuni u speċifiċi għal programmi. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fisseħħ proċeduri li jipproduċu u jiġbru d-dejta meħtieġa għal evalwazzjonijiet, inkluża dejta marbuta ma' indikaturi komuni u speċifiċi għal programmi li huma ta' natura kwalitattiva u kwantitattiva. |

**Raġuni**

Ara l-punt 13.

**Emenda 13**

Artikolu 55

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat komuni "Asil, Migrazzjoni u Sigurtà" stabbilit b'dan ir-Regolament. Dan il-Kumitat għandu jkun Kumitat skont it-tifsir tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. | 1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat komuni "Asil, Migrazzjoni u Sigurtà" stabbilit b'dan ir-Regolament li għandu jinkludi rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali, lokali u reġjonali, tas-soċjetà ċivili u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali. Dan il-Kumitat għandu jkun Kumitat skont it-tifsir tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. |

**Raġuni**

Ara l-punti 18 u 19.

COM(2011)753 final

**Regolament li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji**

**Emenda 1**

Artikolu 3

Ibdel it-test tal-paragrafu 2(a) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (a) il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi rilevanti. | (a) il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali kif ukoll dak lokali u reġjonali u ma' pajjiżi terzi rilevanti. |

**Raġuni**

Ara l-punti 41 u 55.

**Emenda 2**

Artikolu 3

Ibdel it-test tal-paragrafu 3(a) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (a) miżuri (metodoloġiji, għodod, strutturi) li jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri biex jevitaw u jiġġieldu l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata li tinkludi t-terroriżmu, b'mod partikolari permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati, l-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar prattiċi, aċċess għad-dejta, teknoloġiji interoperabbli, statistika komparabbli, kriminoloġija applikata, komunikazzjoni pubblika u żieda ta' għarfien. | (a) miżuri (metodoloġiji, riċerka, għodod, strutturi) li jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri biex jevitaw u jiġġieldu l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata li tinkludi t-terroriżmu, b'mod partikolari permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati, l-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar prattiċi, l-iskambju tal-għarfien u l-kollaborazzjoni tal-awtorità lokali u reġjonali permezz ta' netwerks, aċċess għad-dejta, analiżi bir-reqqa tal-prattiki suspettużi tal-banek u n-negozji, konfiskar tal-assi, teknoloġiji interoperabbli, statistika komparabbli, kriminoloġija applikata, komunikazzjoni u konsultazzjoni pubblika u żieda ta' għarfien. |

**Raġuni**

Ara l-punti 38, 39, 40, 41, 43 u 44.

**Emenda 3**

Artikolu 4

Ibdel it-test tal-paragrafu 1(a) kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| (a) attivitajiet li jtejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-pulizija bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inklużi skwadri ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni transkonfinali konġunta, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju tagħha u teknoloġiji interoperabbli; | (a) attivitajiet li jtejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-pulizija bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, inklużi skwadri ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni transkonfinali konġunta, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju tagħha u teknoloġiji interoperabbli; |

**Raġuni**

Ara l-punti 38 u 40.

**Emenda 4**

Artikolu 4

Żid paragrafu 1(h) ġdid kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | (h) konsultazzjonijiet pubbliċi fil-livell lokali sabiex jiġi stabbilit fehim tad-diversi aspetti tal-esperjenzi u l-kunċetti lokali tat-terroriżmu u l-motivazzjonijiet għall-estremiżmu; |

**Raġuni**

Ara l-punt 42.

**Emenda 5**

Artikolu 4

Żid paragrafu 1(i) ġdid kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | (i) in-netwerks attwali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jissaħħu u jintużaw f'kull Stat Membru, jew jekk ikun hemm bżonn jitwaqqfu oħrajn ġodda, sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-prattika t-tajba b'rabta mal-integrazzjoni soċjali, it-tagħlim professjonali u l-fehim tal-estremiżmu vjolenti li jinbet fid-distretti u nħawi lokali. |

**Raġuni**

Ara l-punt 41.

**Emenda 6**

Artikolu 6

Ibdel it-test tal-paragrafu 1 kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| 1. Il-programm nazzjonali li għandu jiġi preparat taħt l-Istrument u dak li għandu jiġi preparat taħt ir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 li jistabbilixxi bħala parti mill-Fond ta' Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għal fruntieri esterni u l-viża għandu jitfassal konġuntament mill-Istati Membri u propost lill-Kummissjoni bħala programm nazzjonali uniku għall-Fond, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Orizzontali]. | 1. Il-programm nazzjonali li għandu jiġi preparat taħt l-Istrument u dak li għandu jiġi preparat taħt ir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 li jistabbilixxi bħala parti mill-Fond ta' Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għal fruntieri esterni u l-viża għandu jitfassal konġuntament mill-Istati Membri bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom u propost lill-Kummissjoni bħala programm nazzjonali uniku għall-Fond, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Orizzontali]. |

**Raġuni**

Ara l-punti 18 u 19.

**Emenda 7**

Artikolu 14(a)

Żid punt ġdid kif ġej:

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda tal-KtR |
|---|---|
| | 1. Għandhom isiru sforzi biex ikun hemm sinerġiji, koerenza u komplementarjetà ma' strumenti oħra tal-Unjoni u tal-Komunità, fost oħrajn mal-appoġġ mogħti mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR).<br><br>2. Il-miżuri ffinanzjati minn dan l-istrument m'għandhomx jirċievu appoġġ finanzjarju għall-istess għan minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni jew tal-Komunità. Għandu jiġi żgurat li l-benefiċjarji ta' dan il-programm jinformaw lill-Kummissjoni dwar finanzjament riċevut mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u minn sorsi oħra, kif ukoll dwar talbiet attwali għal finanzjament. |

**Raġuni**

S'issa, l-appoġġ għall-miżuri transkonfinali tal-pulizija seta' jiġi jew mill-programm ISEC (il-programm tal-Kummissjoni għall-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità) jew mill-Objettiv 3 (iffinanzjat mill-FEŻR) (il-prinċipju tal-komplementarjetà – Artikolu 11 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI). Filwaqt li l-miżuri taħt il-programm ISEC kienu ffinanzjati ċentralment mill-UE, il-ġestjoni tal-fondi li jingħataw taħt l-Objettiv 3 kienet deċentralizzata. Skont l-Artikolu 14 tal-abbozz ta' Regolament dwar il-Fond għas-Sigurtà Interna, id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2007 ser titħassar fil-perjodu finanzjarju li jmiss, u dan ifisser li l-prinċipju tal-komplementarjetà bejn l-istrumenti tal-Komunità ser jitħassar ukoll u għalhekk mhux ser ikun iktar possibbli li ssir l-għażla bejn il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-finanzjament tal-Objettiv 3. Madankollu, il-vantaġġi tal-flessibbiltà fl-użu ta' strumenti differenti ta' finanzjament m'għandhomx jintilfu. Sakemm it-tħassir tal-komplementarjetà jkun intiż sabiex jiġi evitat appoġġ doppju, dan jista' jiġi indirizzat b'mod pjuttost adegwat fil-proċess ta' implimentazzjoni. Għalhekk nissuġġerixxu li l-prinċipju tal-komplementarjetà u l-klawżola tas-salvagwardja fl-Artikolu 11(3) tal-programm ISEC għandhom jiġu indikati f'Artikolu 14(a) ġdid tar-Regolament dwar il-Fond għas-Sigurtà Interna.

Brussell, 18 ta' Lulju 2012.

*Il-President*
*tal-Kumitat tar-Reġjuni*
Mercedes BRESSO